



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.11.2012
COM(2012) 670 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE)

Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2012) 379 final}

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE)

Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. DAĦLA

Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD¹) fl-2000 introduċiet għanijiet ġodda u ambizzjużi biex tipproteġi u tirrestawra l-ekosistemi akkwatiċi bħala bażi għall-iżgurar ta' użu sostenibbli tal-ilma fuq perjodu twil għan-nies, għan-negozji u għan-natura. Il-WFD inkorporat fi strument legalment vinkolanti l-prinċipji ewlenin ta' mmaniġġjar integrat tal-baċin tax-xmara fejn, fl-immaniġġjar tal-ilma, laqqgħet flimkien il-perspettivi ekonomiċi u ekoloġiċi.

Il-WFD stabbilixxiet programm u skeda taż-żmien għall-Istati Membri biex sal-2009 jistabbilixxu l-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara (RBMPs). Il-Pjanijiet kellhom jidentifikaw l-azzjonijiet kollha li kellhom jittieħdu fid-distrett tal-baċini tax-xmajjar biex jintlaħqu l-għanijiet tal-WFD.

L-implimentazzjoni tal-WFD ilha appoġġata mill-2001 minn sforz kooperattiv informali skont Strateġija Komuni ta' Implimentazzjoni (CIS), immexxi mid-Diretturi responsabbli għall-qasam tal-Ilma tal-Istati Membri u mill-Kummissjoni bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti kollha. L-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni pproduċiet dokumenti ta' gwida u għadd kbir ta' dokumenti ta' politika u hija pjattaforma ta' valur għall-iskambju tal-esperjenzi u l-aqwa Prattiki.

Dan ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni huwa meħtieġ skont l-Artikolu 18 tal-WFD u huwa bbażat fuq il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-RBMPs irrappurtati mill-Istati Membri. Huwa akkumpanjat mid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jinkludu valutazzjoni dettaljata tal-RBMPs. Huwa wieħed mill-bażijiet tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-"Blueprint għas-salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa".

2. ELEMENTI EWLENIN TAL-WFD

L-għan ewlieni tal-WFD huwa li jinkiseb status tajjeb għall-korpi kollha tal-ilma sal-2015. Dan jinkludi l-għanijiet ta' status ekoloġiku u kimiku tajjeb għall-ilmijiet tal-wiċċ u status kwantitattiv u kimiku tajjeb għall-ilma ta' taħt l-art.


L-istrument ewlieni għall-implimentazzjoni tal-WFD huwa l-RBMP u l-Programm ta' Miżuri (PoM) li jakkumpanjawh. Il-proċess ta' ppjanar jibda bit-traspożizzjoni u l-arranġamenti amministrattivi, segwiti mill-karatterizzazzjoni tad-distrett tal-baċin tax-xmajjar², il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-istatus, l-iffissar tal-għanijiet, u fl-aħħar nett il-programm ta' miżuri u l-implimentazzjoni tagħhom. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effikaċja tal-miżuri huma informazzjoni essenzjali li tgħaqqad ċiklu ta' ppjanar wieħed ma' ta' warajh. Il-programm ta' miżuri huwa l-għodda li biha jkun hemm reazzjoni għall-pressjonijiet identifikati, biex b'hekk il-baċin tax-xmara/korp tal-ilma jkun jista' jilħaq status tajjeb.

Is-saħħa tal-proċess tal-ippjanar, u l-adeqwatezza u l-affidabbiltà tal-RBMP jiddependu minn implimentazzjoni tajba ta' kull pass intermedju. Jekk, pereżempju, pressjoni sinifikanti ma

¹ Id-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma; issupplimentata bid-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art (2006/118/KE) u bid-Direttiva dwar l-Istandards ta' Kwalità Ambjentali (2008/105/KE).

² Din tinkludi l-analiżi tal-pressjonijiet u l-impatti, l-analiżi ekonomika, id-delinjazzjoni tal-korpi tal-ilma u l-istabbiliment tat-tipoloġija u l-kundizzjonijiet ta' referenza għall-korpi tal-ilma tal-wiċċ, u tkun il-bażi għall-valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku.

titqiesx matul l-analiżi tal-perssonijiet u l-impatti, il-monitoraġġ probabbilment ma jgix iddiżinjat b'mod li jivvaluta din il-perssoni u l-programm ta' miżuri ma jkunx jipprevedi azzjoni biex tiġi indirizzata.



Grafika 1: Rappreżentazzjoni skematika tal-proċess ta' ppjanar tal-WFD

3. IL-VALUTAZZJONI TAL-PJANIJET TA' MMANIĠĠJAR TAL-BAĊINI TAX-XMAJJAR

Il-valutazzjoni tal-RBMPs hija bbażata fuq ir-rappurtar mill-Istati Membri, li tikkonsisti mill-pjanijiet ippubblikati u d-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament³ u r-rappurtar elettroniku permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE)⁴. Il-valutazzjoni tal-pjanijiet hija komplitu kumpless li jinvolvi informazzjoni estensiva f'21 lingwa.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni se tkun preċiża daqs ir-rappurtar tal-Istati Membri. Huwa rikonoxxut li r-rappurtar huwa ħidma sinifikanti għall-Istati Membri, b'mod partikolari r-rappurtar elettroniku fil-WISE. Insibu eżempji ta' rappurtar ta' kwalità tajba ħafna, iżda wkoll każijiet fejn ir-rappurtar ikun fih lakuni jew kontradizzjonijiet.


³ Ara http://circa.europa.eu/Public/irc/env/wfd/library?l=/framework_directive/implementation_documents_1/submitted_rbmps

⁴ Ara <http://water.europa.eu> u b'mod partikolari <http://www.eea.europa.eu/themes/water/interactive/water-live-maps/wfd>

4. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAL-ADOZZJONI U R-RAPPURTAR TAL-RBMPs

Tlieta u għoxrin Stat Membru adottaw u rrapportaw il-Pjanijiet kollha tagħhom. Erba' Stati Membri (BE, EL, ES u PT) jew ma adottaw l-ebda Pjan inkella adottaw u rrapportaw biss uħud mill-pjanijiet. B'kollox, il-Kummissjoni rċeviet 124 RBMPs (mill-174 li kienet qed tistenna). 75 % minnhom jikkonċernaw il-baċini tax-xmajjar transfruntieri⁵.

Fil-Belġju, ir-Reġjun Fjamming, ir-Reġjun tal-Kapitali-Brussell u l-Gvern Federali (responsabbli għall-ilmijiet kostali) adottaw xi pjanijiet; il-pjanijiet għar-Reġjun tal-Wallonja huma mistennija. Fi Spanja, l-RBMPs ta' Tinto Odiel y Piedras, Guadalete y Barbate u Cuencas Mediterraneas Andaluzas ġew approvati iżda mhux irrapportati u l-pjan għad-distrett tax-xmajjar tal-Katalunja biss ġie adottat u rrapportat. Fil-Portugall u l-Greċja l-ebda pjan għadu ma ġie adottat jew irrapportat⁶.



Grafika 2⁷: L-istat ta' adożżjoni tal-RBMPs: AĦDAR - adottati. AĦMAR - Mhux adottati jew adottati parzjalment.

Id-dewmien fl-adożżjoni tal-ewwel ċiklu tal-RBMPs fuħud mill-Istati Membri jfisser konsegwenzi għat-tieni ċiklu ta' implimentazzjoni kemm fl-Istati Membri kkonċernati kif ukoll għall-pajjiżi l-oħra li magħhom jaqsmu żoni ta' qbid.

⁵ In-Norveġja qed timplimenta d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma bħala parti mill-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, bi skeda taż-żmien speċifika maqbula fil-Ftehim. Għaldaqstant, in-Norveġja adottat disa' RBMP pilota.

⁶ Il-Qorti qatgħet sentenzi kontra l-Belġju, il-Greċja u l-Portugall talli ma adottawx u ma rrapportawx il-pjanijiet. Is-sentenza ta' Spanja għadha pendenti. Il-kawżi huma: [Il-Greċja - C-297/11](#), [Il-Belġju - C-366/11](#), [Il-Portugall - C-223/11](#)

⁷ Deskriżżjoni ġenerali aġġornata fuq http://ec.europa.eu/environment/water/participation/map_mc/map.htm

5. SEJBIET TAL-KUMMISSJONI: MESSAĠĠI U RAKKOMANDEZZJONIJIET EWLENIN

5.1. L-għan ta' status tajjeb se jintlaħaq sal-2015?

L-għan ta' status tajjeb tal-WFD huwa neċessarju biex tiġi żgurata disponibbiltà fuq perjodu twil ta' ilma ta' kwalità tajba suffiċjenti. Il-kisba ta' status tajjeb għall-ilmijiet kollha se jippermetti lill-ekosistemi akkwatiċi jirkupraw u jipprovdur servizzi tal-ekosistemi li huma neċessarji biex jappoġġaw il-ħajja u l-attività ekonomika li jiddependu mill-ilma.

Il-valutazzjoni tal-RBMPs tindika li l-progress lejn l-ilħiq tal-għan huwa mistenni, iżda status tajjeb mhux se jintlaħaq fl-2015 għal proporzjon sinifikanti ta' korpi tal-ilma. Hemm diversi raġunijiet għal dan. Il-valutazzjoni tal-RBMPs mill-Kummissjoni⁸ tidentifika l-ostakli ewlenin li ltaq' magħhom kull Stat Membru u tenfasizza li l-perssonijiet idromorfoloġiċi, it-niġġis u l-astrazzjoni eċċessiva jibqgħu l-perssonijiet ewlenin fuq l-ambjent tal-ilma.

	Għadd ta' Stati Membri	Għadd ta' korpi tal-ilma	% ta' korpi tal-ilma bi status tajjeb jew li kellhom potenzjal tajjeb fl-2009	% ta' korpi tal-ilma bi status tajjeb jew b'potenzjal tajjeb fl-2015	Progress mill-2009 sal-2015 f' %	Status mhux magħruf fl-2009 f' % ⁹
Status ekoloġiku tal-ilmijiet tal-wiċċ	21 ¹⁰	82684	43	53	10	15
Status kimiku tal-ilmijiet tal-wiċċ	L-informazzjoni mhijiex ċara biżżejjed biex tiġi stabbilita l-bażi ta' referenza tal-2009 ¹¹					40
Status kwantitattiv tal-ilma ta' taħt l-art ¹²	24	5197	85	92	7	6
Status kimiku tal-ilma ta' taħt l-art ¹²	24	5197	68	77	9	3

Sors: Informazzjoni rappurtata mill-Istati Membri, 2012

L-informazzjoni pprovduta fl-RBMPs dwar l-istatus kimiku għall-ilmijiet tal-wiċċ mhuwiex ċar biżżejjed biex tiġi stabbilita l-bażi ta' referenza għall-2009. Il-kwalità kimika tal-korpi tal-ilma tjejbet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar 30 sena, iżda s-sitwazzjoni fir-rigward ta' dawn

⁸ Ara d-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw dan ir-Rapport.

⁹ ES, PT u EL ma ġewx inklużi minħabba n-nuqqas ta' RBMPs.

¹⁰ Status ekoloġiku: pajjiżi li ma rrapportawx RBMPs, jew li ma rrapportawx eżenzjonijiet jew li għandhom status mhux magħruf għoli, mhumiex inklużi.

¹¹ Status kimiku: Iktar minn 40 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ huma rrapportati bħala "status kimiku mhux magħruf" u għall-bqija tal-baċini tax-xmajjar il-valutazzjoni mhijiex paragonabbli.

¹² Iċ-ċifri ma jinkludux FI u SE li għandhom għadd kbir ħafna ta' baċini tax-xmajjar bi status tajjeb.

is-sustanzi ta' prijorità introdotti permezz tal-WFD ma laħqitx l-għanijiet. Proporzjon kbir tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ huwa rrappurtat bi status kimiku mhux magħruf. Barra minn hekk, l-ewwel RBMPs juru gradi differenti ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/105/KE li tistabbilixxi l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u dan irendi diffiċli l-paragun tal-valutazzjoni tal-istatus kimiku fl-Istati Membri.

Il-WFD tirrikonoxxi li l-kisba ta' status tajjeb taf tiegħu iktar żmien fuq mill-korpi tal-ilma. Għal din ir-raġuni, tippermetti lill-Istati Membri li jużaw eżenzjoni abbażi tal-kundizzjonijiet naturali tal-korp tal-ilma, u li jestendu d-data tal-iskadenza sal-2027 jew iktar tard¹³.

Id-data tal-iskadenza għall-kisba ta' status tajjeb tista' wkoll tiġi estiża jekk fost l-oħrajn, ma jkunx teknikament fattibbli jew sproporzjonament għali biex il-korp tal-ilma jerġa' jikseb status tajjeb sal-2015¹⁴. Fejn jiġu applikati l-eżenzjonijiet, il-WFD teżiġi li l-Istati Membri jiġġustifikaw u jispjegaw ir-raġunijiet fl-RBMPs. Dan ifisser li jispjegaw fuq liema bażi saru l-evalwazzjonijiet ta' kundizzjonijiet naturali, spejjeż sproporzjonati u/jew fattibbiltà teknika li ma tkunx possibbli u kif se jersqu lejn l-għan ta' status tajjeb. Din il-ġustifikazzjoni hija essenzjali għat-trasparenza u r-responsabbiltà fir-rigward tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Spiss ħafna, fl-RBMPs, jintużaw eżenzjonijiet biex jiġu ġġustifikati użi eżistenti tal-ilma u prattikki ta' mmaniġġjar li ma juru l-ebda pjan li jilhqqu l-għanijiet tal-WFD.

Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri:

- *Li ssir valutazzjoni tal-ostakli li fixklu l-implimentazzjoni fl-ewwel ċiklu u tittieħed azzjoni biex jintgħelbu fit-tieni ċiklu;*
- *Li tiżied l-ambizzjoni fit-teħid tal-miżuri biex jinkiseb status tajjeb. F'każ ta' inċertezzi fir-rigward tal-effikaċja, li jittieħdu miżuri mingħajr rimors.*

5.2. Monitoraġġ u valutazzjoni: għarfien sod biex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati

Monitoraġġ u metodi sodi għal valutazzjoni komprensiva tal-istatus ta' korpi tal-ilma huma elementi essenzjali għal ġestjoni tajba tal-ilma. Il-kost tal-monitoraġġ huwa ħafna inqas mill-kost ta' deċiżjonijiet li ma jkunux xierqa.

Il-WFD tipprovdi għal programm ta' monitoraġġ adattiv li jista' jintuża biex il-monitoraġġ jiġi prijorizzat fejn huwa meħtieġ l-iktar. Programmi intelliġenti ta' monitoraġġ għandhom ikunu parti integrali tal-bini tal-bażi ta' evidenza għad-disinn u l-implimentazzjoni tal-miżuri. F'ħafna programmi ta' monitoraġġ mhuwiex ċar jekk l-informazzjoni dwar il-karatterizzazzjoni u l-perssonijiet tintużax u kif tintuża fl-iżvilupp ulterjuri tal-RBMPs.

Lakuna ċara fil-monitoraġġ toħroġ mill-informazzjoni rrappurtata lill-Kummissjoni. Dan juri li madwar 15 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ fl-UE huma fi status ekoloġiku mhux magħruf u 40 % fi status kimiku mhux magħruf. Fuq mill-Istati Membri l-istatus ekoloġiku u kimiku tal-ilma mhuxwiex magħruf għal iktar minn 50 % tal-korpi tal-ilma. Huwa meħtieġ sforz determinat.

¹³ L-Artikolu 4.4(c).

¹⁴ L-Artikolu 4.4, 4.5 u 4.7.

L-istatus ekoloġiku kif iddefinit mill-WFD huwa espressjoni tal-kwalita tal-istruttura u l-funzjonament tal-ekosistemi akkwatiċi. L-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni tal-WFD qabel il-metodi użati mill-Istati Membri biex jiġvalutaw l-istatus ekoloġiku biex jiżguraw li huma konsistenti mad-definizzjonijiet tal-WFD filwaqt li jiżguraw il-paragunabbiltà tar-riżultati bejn l-Istati Membri. Dan ippromwova skambju kbir ta' informazzjoni li ppermetta lill-pajjiżi li għandhom inqas esperjenza fil-valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku biex jibbenefikaw mill-għarfien tal-oħrajn.

Minkejja progress konsiderevoli, uħud mill-pajjiżi juru li għandhom lakuni importanti fl-iżvilupp u fl-applikazzjoni tal-metodi ta' valutazzjoni. Spiss, l-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni ttieħed bħala eżerċizzju xjentifiku li ma ntużax għall-immaniġġjar tal-ilma. Il-lakuni huma sinifikanti għal ilmijiet tranżizzjonali u ilmijiet kostali u għal metodi ta' valutazzjoni bijoloġika sensitivi għal pressjonijiet idromorfoloġiċi, li huma l-iktar pressjonijiet importanti li jipprevjenu lill-korpi tal-ilma milli jilhq status ekoloġiku tajjeb.

Il-valutazzjoni tal-istatus kimiku tippreżenta proporzjon kbir ta' korpi tal-ilma bi status mhux magħruf. Il-monitoraġġ kimiku huwa insuffiċjenti f'bosta Stati Membri, fejn ma jiġux immonitorjati s-sustanzi ta' prijorità kollha jew l-għadd ta' korpi tal-ilma fejn jitwettaq monitoraġġ huwa limitat.

Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri:

- *Li jtejbu u jespandu l-għodod ta' monitoraġġ biex jiżguraw stampa soda statistikament u komprensiva tal-istatus tal-ambjent akkwatiku għall-finijiet ta' ppjanar ulterjuri.*

5.3. Qafas legali u governanza

Qafas legali sod u strutturi ta' governanza xierqa huma prerekwiżiti essenzjali għal ġestjoni integrata tal-immaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar li tirnexxi.

Il-WFD introduċiet enfasi ġdida għall-immaniġġjar tal-ilma billi qiegħdet il-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku u l-miri ambjentali fil-qofol ta' approċċ integrat għall-immaniġġjar tal-ilma fl-iskala tal-baċini tax-xmajjar. Għal dan il-għan, kien mistenni adattament tal-oqfsa regolatorji eżistenti u tal-amministrazzjoni tal-immaniġġjar tal-ilma.

Għalkemm sar progress sinifikanti, dan ma seħħ fil-maġġoranza tal-Istati Membri fejn għad hemm sitwazzjoni ta' *status quo*. L-għanijiet ambjentali tal-WFD jidhru li ġew inklużi bħala miri addizzjonali iżda mhux integrati realment fid-deċiżjonijiet ta' politika.

Koordinazzjoni xierqa fit-teħid tad-deċiżjonijiet bejn is-setturi kollha hija essenzjali. Deċiżjonijiet dwar attivitajiet ekonomiċi li ma jqisux id-disponibbiltà attwali u futura tar-riżorsi tal-ilma jistgħu jwasslu għal Prattiki mhux sostenibbli bħall-isfruttament eċċessiv tar-riżorsi b'konsegwenzi negattivi għall-ambjent, għall-popolazzjoni u għal setturi ekonomiċi oħra. Bl-adozzjoni tal-WFD, l-Istati Membri huma mistennija jinkludu fl-RBMPs miżuri li jindirizzaw l-użi kollha tal-ilma u jiżguraw koerenza bejn l-RBMPs u għodod oħra ta' ppjanar spazjali. Il-WFD introduċiet ukoll bidla minn approċċi tradizzjonali ddeterminati mill-użu tal-ilma għal approċċ iktar integrat li għandu jkun rifless fil-kuntest ta' governanza. Dan seħħ fi gradi differenti. F'xi każijiet ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-WFD ingħatat lil unitajiet apposta mingħajr konnessjoni ċara mal-immaniġġjar tal-ilma li jsir minn ġurnata

għall-oħra jew mingħajr ma rċevew informazzjoni fil-livell tal-baċini. Dan ir-riżultat johlloq approċċi li jikkoinċidu u f'xi każijiet deċiżjonijiet u azzjonijiet li mhumiex kompatibbli mal-għanijiet tal-WFD.

Kooperazzjoni u koordinazzjoni transfruntieri ta' proċessi ta' implimentazzjoni huma wkoll essenzjali biex jiġi implimentat il-prinċipju tal-WFD ta' mmanniġjar fl-iskala tal-baċini tax-xmajjar, b'mod partikolari meta jitqies li l-baċini tax-xmajjar transfruntieri jkopru l-biċċa l-kbira tal-UE. Bl-adozzjoni tal-WFD, il-kooperazzjoni internazzjonali ġiet irrinforzata u mtejbta b'mod sinifikanti. F'xi każijiet avvanzat minn skambju ta' informazzjoni għal dijanjożi konġunta ta' problemi u deċiżjonijiet konġunti dwar miżuri transfruntieri. Il-pjanijiet konġunti tal-immaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar f'baċini transfruntieri kbar tħejjew iżda sforzi dwar il-koordinazzjoni tal-miżuri jeħtieġ li jtkomplew.

Il-parteciġazzjoni tal-pubbliku u tal-utenti fl-immaniġġjar tal-ilma hija element essenzjali ieħor introdott bil-WFD. Approċċ proattiv jista' jwassal għall-aħjar deċiżjonijiet li huma iktar aċċettabbli u implimentati aħjar fil-post. It-trasparenza dwar kif ir-riżultati tal-proċessi tal-konsultazzjoni jitqiesu hija importanti, u jeżistu diversi eżempji tajbin f'dan ir-rigward.

Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri:

- *Li titkompla l-konsolidazzjoni ta' mmaniġġjar tal-ilma multidixxiplinari integrat; li jitfittxu soluzzjonijiet li jibbilanċjaw il-protezzjoni ambjentali u żvilupp ekonomiku sostenibbli fuq terminu twil u, fejn meħtieġ, jiġu adattati approċċi legali u amministrattivi;*
- *Li jikkoordinaw kmieni, fil-proċess tat-tħejjija tal-RBMP, mal-pajjiżi li magħhom jaqsmu baċini tax-xmajjar, u jaqblu dwar miżuri transfruntieri u jimplementawhom;*
- *Li jinvolvu lill-partijiet interessati u lill-awtoritajiet mill-bidu tal-proċess tal-ippjanar u li jkunu trasparenti.*

5.4. Integrazzjoni tal-aspetti kwantitattivi u kwalitattivi fl-immaniġġjar tal-ilma

Immaniġġjar tal-ilma sod għandu jintegra aspetti kwalitattivi u kwantitattivi: il-kisba tal-għanijiet tal-WFD hija possibbli biss jekk kwantità suffiċjenti ta' ilma nadif tkun disponibbli għall-ekosistemi akkwatiċi. Għal dan il-għan, il-fluss ekoloġiku huwa neċessarju biex jappoġġa l-istatus ekoloġiku u jiżgura d-disponibbiltà tal-ilma għal użi differenti. Ir-rilevanza tal-kwistjonijiet dwar il-kwantità tal-ilma hija rikonossuta f'ħafna baċini tax-xmajjar madwar l-Erwopa. L-RBMPs identifikaw miżuri li jindirizzaw l-iskarsezza tal-ilma u l-problemi ta' nixfa li mistennija jiġgravaw minħabba l-impatti tat-tibdil fil-klima¹⁵. Madankollu, ġew identifikati xi nuqqasijiet fl-RBMPs b'rabta mal-kwalità u d-disponibbiltà tas-settijiet tad-dejta u n-nuqqas ta' miżuri koerenti.

Informazzjoni dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima hija inkluża f'għadd ta' RBMPs, iżda f'ħafna mill-każijiet ma tinfluwenzax l-għażla tal-miżuri u hemm ippjanat li tiġi indirizzata b'iktar reqqa fiċ-ċiklu ta' ppjanar tal-RBMP li jmiss.

¹⁵ Komunikazzjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Politika Ewropea dwar l-Iskarsezza tal-Ilma u n-Nixfiet.

L-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar huwa parti inerenti ta' mmaniġġjar tal-ilma integrat, u b'riżultat ta' dan kwistjonijiet relatati mal-għargħar jissemmew fl-RBMPs madwar l-UE kollha, notevolment bħala raġuni għal modifika kbira ħafna f'korp tal-ilma. It-tieni ċiklu ta' RBMP jeħtieġ li jiġi kkoordinat mal-ewwel Pjanijiet ta' Mmaniġġjar ta' Riskji ta' Għargħar.

Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri:

- *Li japplikaw skemi ta' flussi ekoloġiċi biex jiżguraw li l-awtoritajiet u l-utenti jkunu jafu l-ammont ta' ilma u liema skema ta' flussi huma meħtieġa biex jinkiseb status ekoloġiku tajjeb;*
- *Li jtejbju settijiet tad-dejta dwar il-kwantità tal-ilma, id-disponibbiltà tal-ilma u projezzjonijiet ta' xejriet tad-domanda biex ikunu jistgħu jiżviluppaw settijiet ta' miżuri koerenti u effikaċi;*
- *Li fl-RBMPs jintegraw dak li jkun tqies dwar it-tibdil fil-klima;*
- *Li jikkoordinaw it-tnejn u l-konsultazzjoni dwar il-Pjanijiet tal-Immaniġġjar tar-Riskji tal-Għargħar mat-tieni ċiklu ta' RBMPs biex jiżguraw koerenza.*

5.5. Ir-rwol ewlieni tal-leġislazzjoni ta' qabel il-WFD fl-ilħiq tal-għanijiet tal-WFD

Qabel il-WFD, il-politika tal-UE dwar l-ilma indirizzat pressjonijiet importanti fuq l-ambjent akkwatiku permezz tal-adozzjoni tat-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWT) u d-Direttiva dwar in-Nitrati¹⁶. Dawn id-Direttivi jipprovdu protezzjoni tal-ilma fir-rigward ta' pressjonijiet minn nutrijenti assoċjati mal-agrikoltura u l-iżviluppi urbani u jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-WFD.

L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati tinsab fi stadju relattivament avvanzat fl-Istati Membri l-qodma (UE15), iżda fi stadju inqas avvanzat b'mod sinifikanti fl-Istati Membri li ngħaqdu mal-UE mill-2004 'l hawn (UE12) u li jgawdu minn perjodi tranżizzjonali. Nuqqas ta' appoġġ finanzjarju u ppjanar xieraq huma l-ostakoli ewlenin.

Ir-rappurtar l-iktar reċenti¹⁷ skont id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWT) juri li s-sistemi ta' għbir tal-ilma mormi kienu implimentati għal 99 % tat-tagħbija tat-tniġġis kollha tal-UE-15 u għal 65 % tat-tagħbija totali ġġenerat mill-UE-12. It-trattament sekondarju kien fis-seħħ għal 96 % tat-tagħbija għall-UE-15 u għal 48 % tat-tagħbija għall-UE-12. Trattament iktar strett kien fis-seħħ għal 89 % tat-tagħbija fl-UE-15 u għal 27 % tat-tagħbija ġġenerata mill-UE-12. Id-disponibbiltà tar-riżorsi biex jiġu koperti l-investimenti tibqa' ostaklu għall-konformità. Għalhekk, soluzzjonijiet tekniċi innovattivi u kosteffikaċji għandhom jiġu promossi.

¹⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE dwar it-trattament tal-ilma urban mormi. (ĠU L 135, 30.5.91) u d-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli. (ĠU L 375, 31.12.91).

¹⁷ Is-Sitt Sommarju tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SEC(2011)1561 finali (snin ta' referenza 2007/2008).

It-tniġġis minn emissjonijiet industrijali huwa rregolat mid-Direttiva dwar l-IPPC¹⁸. Ir-rapport l-iktar reċenti dwar l-implimentazzjoni tagħha juri li għalkemm l-IPPC tat lok għal simplifikazzjoni sinifikanti tal-leġislazzjoni ambjentali industrijali f'ħafna Stati Membri, kien hemm wisq permessi li kellhom il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet (VLE) li ma kinux skont l-Aqwa Tekniki Disponibbli (BAT) u li ma kinux jiproteġu biżżejjed l-ambjent tal-ilma.

Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri:

- *Li jirrinforzaw il-programmi ta' azzjoni u d-deżinjazzjoni taż-żoni vulnerabbli previsti fid-Direttivi dwar in-Nitrati, itejbu r-rati ta' konformità dwar it-trattament tal-ilma mormi billi jistabbilixxu pjanijiet ta' investment u jiżguraw il-konformità tal-VLE mal-BAT.*

5.6. Jitħeġġeġ użu razzjonali permezz ta' prezzar xieraq tal-ilma

It-trasparenza fil-forma ta' informazzjoni xierqa dwar il-kostijiet tal-ilma hija l-bażi għall-iżvilupp ta' politiki ta' pprezzar tal-ilma li jipprovdi inċentivi xierqa għall-utenti biex jużaw l-ilma b'mod effiċjenti skont il-WFD. Madankollu, ftit li xejn sar progress s'issa fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' pprezzar trasparenti.

Użu effiċjenti tal-ilma jeżiġi li jitkejjel il-volum tal-ilma użat. Rati fissi, tariffi li jiddependu mill-erja msaqqa jew kontijiet li jinqasmu bejn l-utenti ftit li xejn jipprovdu inċentiv għal użu sostenibbli tal-ilma. F'uħud mill-Istati Membri, f'xi setturi, bħall-agrikoltura jew l-unitajiet domestiċi, il-metraġġ tal-konsum tal-ilma għadu mhux implimentat kompletament.

L-irkupru tal-kostijiet finanzjarji tas-servizzi tal-ilma, inklużi l-kostijiet kapitali, jiżgura sostenibbiltà neċessarja fuq terminu twil tal-investimenti. Kostijiet ambjentali u tar-riżorsi huma wkoll parti essenzjali tal-irkupru tal-kostijiet biex jiġi żgurat li esternalitajiet iġġenerati bl-użu u r-rimi tal-ilma jiġu rkuprati b'mod xieraq. Barra minn hekk, il-kost tas-servizzi tal-ilma għandu jiġi rkuprat billi jitqies il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"¹⁹.

Hemm għadd żgħir ħafna ta' Stati Membri li implimentaw irkupru trasparenti tal-kostijiet ambjentali u tar-riżorsi. L-irkupru tal-kostijiet huwa implimentat, f'livelli differenti, fl-unitajiet domestiċi u fl-industrija. Għall-agrikoltura, f'bosta oqsma, il-kost tal-ilma jiġi ffatturat biss f'livell limitat.

Il-valutazzjoni tal-RBMPs turi l-kwalità fqira tal-valutazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji. Titjib qawwi f'dan il-qasam u d-definizzjoni ta' metodoloġija kondiviża għall-kalkolu tal-kostijiet (inklużi l-kostijiet ambjentali u tar-riżorsi) u tal-benefiċċji (inklużi s-servizzi tal-ekosistemi) huwa neċessarju. Inkella, la se jkun possibbli li tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' politiki ta' pprezzar effikaċi u lanqas li jiġu evitati miżuri sproporzjonati u inadegwati.

¹⁸ Id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (id-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis), ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8-29. Li għandha tiġi ssostitwita bid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (IED) mis-7 ta' Jannar 2014. Ara http://ec.europa.eu/environment/air/pollutants/stationary/ippc/key_impl.htm.

¹⁹ Il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra disa' Stati Membri li implimentaw interpretazzjoni ristretta tas-servizzi tal-ilma limitata għall-ilma tax-xorb u għat-trattament tal-ilma.

Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri:

- *Li jiżguraw it-trasparenza u l-ġustizzja tal-politiki tal-ipprezzar tal-ilma u jibbażawhom fuq il-metraġġ;*
- *Li jtejbu l-valutazzjoni tal-kosti vs il-benefiċċji biex jiżguraw l-irkupru tal-kostijiet.*

5.7. Finanzjament tal-miżuri

Il-Programmi tal-Miżuri tal-Istati Membri fihom strumenti differenti (ġuridiċi, amministrattivi, tekniċi, tal-infrastruttura, tat-taħriġ, eċċ.) u potenzjalment huma ffinanzjati b'modi differenti. Il-baġit pubbliku mistenni jkopri parti mill-miżuri iżda anke l-operaturi privati huma mistennija jipprovdu fondi eż. permezz tad-dispożizzjonijiet tal-irkupru tal-kostijiet. Il-fondi Ewropej - Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni jew fondi tal-PAK - jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-finanzjament ta' wħud mill-miżuri tal-WFD.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament LIFE ġdid għall-2014-2020 tinkludi l-possibbiltà li jiġu kofinanzjati proġetti li jintegraw fondi differenti tal-UE u sorsi finanzjarji oħrajn fi proġett wieħed fuq skala kbira għall-implimentazzjoni ta' miżuri skont il-WFD.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-politika ta' koeżjoni għall-2014-2020 tibni fuq elementi essenzjali tal-WFD u tipproponi kundizzjonalità *ex-ante* għall-użu ta' fondi ta' koeżjoni u strutturali fis-settur tal-ilma. Il-politika ta' koeżjoni tipprovdi opportunità biex il-ħtiġijiet tal-immaniġġjar tal-użu tal-ilma u l-implimentazzjoni tal-politika tal-ilma jingħaqdu flimkien.

Deċizzjonijiet dwar il-finanzjament iridu jaqblu mal-prijoritajiet stabbiliti fl-RBMPs. Il-biċċa l-kbira tal-RBMPs ma fihomx informazzjoni preċiża dwar kemm se tiswa l-implimentazzjoni tal-miżuri u kif se tiġi ffinanzjata. Il-mekkaniżmi ta' finanzjament u d-disponibbiltà tal-fondi għandhom jiġu identifikati meta jintgħażlu l-miżuri. Inkella, il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni tibqa' inċerta.

Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri:

- *Li jallinjaw id-deċizzjonijiet dwar il-finanzjament (inklużi l-fondi tal-UE) mal-prijoritajiet u l-azzjonijiet identifikati fl-RBMPs inkluż li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma*
- *Li jinkludu fl-RBMP u fil-Programmi ta' Miżuri l-kostijiet tal-miżuri, l-awtoritajiet responsabbli u jindikaw min qed iġarrab dan il-kost.*

5.8. Integrazzjoni mal-politiki l-oħra

L-ippjanar tal-użu tal-art, l-agrikoltura, l-iżvilupp urban, l-idroenerġija, in-navigazzjoni, il-protezzjoni mill-għargħar, kollha għandhom impatti potenzjalment importanti fuq ir-riżorsi tal-ilma. Il-proċess tal-RBMP joffri opportunità unika biex ikun hemm interazzjoni ma' dawn is-setturi u biex jiġi żviluppat qafas li fi ħdanu dawn l-attivitajiet għandhom jitwettqu b'mod sostenibbli. L-implimentazzjoni tal-WFD teżiġi integrazzjoni tal-għanijiet tal-politiki dwar l-ilma fl-iżvilupp u fl-ippjanar tal-attivitajiet ekonomiċi li jiddependu mill-ilma.

Iktar minn 90 % tal-RBMPs ivvalutati jindikaw li l-agrikoltura hija pressjoni sinifikanti fil-baċin, inkluż tniġġis minn sorsi imxerrda jew minn sors f'punt partikolari b'materja organika, nutrijenti, pestiċidi u impatti idromorfoloġiċi.

Għalkemm varjetà kbira ta' miżuri tekniċi jew mhux tekniċi jew strumenti ekonomiċi tista' tinstab fil-programmi tal-miżuri, hemm neqsin elementi importanti (l-ambitu, l-iskedar, u l-finanzjament). B'mod ġenerali, l-RBMPs ma jurux azzjoni determinata biex jiġu indirizzati l-pressjonijiet agrikoli u lanqas ma juru assoċjazzjoni sodisfaċenti tal-bdiewa mal-proċess tal-WFD²⁰. Barra minn hekk, m'hemmx ħafna dettalji dwar kif jittieħdu l-opportunitajiet ipprovduti bil-Programmi tal-Iżvilupp Rurali.

Il-proposti tal-Kummissjoni għar-riforma tal-PAK²¹ fihom għadd ta' elementi li jistgħu jtejbju bis-sħiħ l-interazzjoni bejn il-politika agrikola u dik tal-ilma. Dawn jinkludu ż-żieda, soġġetta għal kundizzjonijiet, tal-WFD mal-kundizzjonalità, l-ekoloġizzazzjoni tal-ewwel pilastru tal-PAK u sistema ta' programmar b'politika ta' żvilupp rurali li tidentifika espliċitament l-effiċenzja fl-użu tal-ilma u l-immaniġġjar tal-ilma bħala subprijoritajiet indirizzati permezz tal-programmi tal-iżvilupp rurali.

L-Artikolu 4.7 tal-WFD dwar proġetti ġodda u modifiki fil-korpi tal-ilma jistabbilixxi l-qafas tal-kundizzjonijiet li skonthom jistgħu jiġu stabbiliti kompromessi bejn il-protezzjoni tal-ilma u l-iżviluppi ekonomiċi. Dan l-Artikolu jagħmel modifiki ġodda li huma soġġetti għal spjegazzjonijiet speċifiċi fl-RBMP. Mill-116-il pjan ivvalutat li jirreferu għal eżenzjonijiet fost affarijiet oħra, 12-il pjan biss jirreferu għal proġetti li jaqgħu taħt l-Artikolu 4.7. Filwaqt li jidher ċar li hemm proġetti oħra, ippjanati jew li jinsabu għaddejjin bħalissa, li x'iktarx se jikkawżaw deterjorament fl-istatus tal-korpi tal-ilma, dawn mhumiex imsemmija fl-RBMPs.

In-nuqqas ta' referenzi għall-proġetti u l-programmi l-ġodda fil-biċċa l-kbira tal-RBMPs jindika opportunita mitlufa għall-iżvilupp sostenibbli ta' attivitajiet ekonomiċi skont qafas ta' mmaniġġjar tal-ilma integrat realment.

Fil-kuntest tal-Artikolu 4.7, l-iżvilupp tal-idroenerġija jistħoqqlu attenzjoni speċifika. Impatt ambjentali sinifikanti fuq l-idroenerġija jeħtieġ li jiġi indirizzat b'mod xieraq. L-espansjoni ta' installazzjonijiet eżistenti u li jiġu rranġati mill-ġdid għandhom jingħataw prijorità fuq żviluppi ġodda li għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni strateġika fl-iskala tal-baċini tax-

²⁰ Ara fuq il-website tad-DĠ ENV fil-lingwi kollha tal-UE: "[Gwida għall-amministrazzjonijiet biex il-miżuri agrikoli tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jsiru ċari u trasparenti fil-livell tal-farms](#)" u "[L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet dwar l-ilma fis-Servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli Manwal ta' ideat għall-amministrazzjonijiet](#)".

²¹ http://ec.europa.eu/agriculture/cap-post-2013/legal-proposals/index_en.htm

xmajjar, fejn jintgħażlu l-aqwa postijiet f'termini ta' produzzjoni tal-enerġija u l-impatt ambjentali l-iktar baxx²².

Bl-istess mod, in-navigazzjoni interna, għalkemm potenzjalmanet hija mod ta' trasport b'livell baxx ta' karbonju, jista' wkoll ikollha effetti negattivi fuq l-ambjent akkwatiku. Għet żviluppatat gwida estensiva fil-kuntest tas-CIS u proċessi oħra²³ li għandhom jintużaw biex jiġi żgurati li n-navigazzjoni interna tiġi żviluppata b'mod sostenibbli li ma jfixkilx l-għanijiet tal-WFD.

Pressjonijiet tas-sorsi terrestri jinfluwenzaw l-istatus tal-ambjent tal-baħar. Il-miżuri meħuda skont l-RBMPs se jikkontribwixxu biex jintlaħaq status ambjentali tajjeb skont id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima (MSFD)²⁴. L-MSFD teżiġi t-tnejn ta' programmi ta' miżuri sal-2015 li jibbenifika minn koordinazzjoni mal-RBMPs prodotti fit-tieni ċiklu sal-2015.

Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri

- *Li jużaw il-proċess tal-RBMPs biex jipprovdu qafas ċar għall-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi li jiddependu mill-ilma;*
- *Li jtejbu l-kooperazzjoni mal-komunità tal-bdiewa fit-tnejn ta' PoM biex jiġu żgurati l-fattibbiltà u l-aċċettazzjoni; li jiżguraw li s-Sistema ta' Konsulenza għall-bdiewa jkollha rwol proattiv u tisfrutta l-opportunitajiet skont il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali;*
- *Li jibbilanċjaw azzjonijiet volontarji u miżuri obligatorji biex jipprovdu bażi ta' referenza solida għall-programmi tal-iżvilupp rurali u rekwiżiti ta' kundizzjonalità relatati mal-ilma; li jżidu d-dependenza fuq miżuri multifunzjonali ta' żamma naturali tal-ilma;*
- *Li jikkoordinaw u jinkludu programmi, pjanijiet u proġetti li jaffettwaw l-ambjent tal-ilma (bħan-navigazzjoni, l-idroenerġija jew miżuri ta' protezzjoni mill-għargħar) fl-RBMP.*

²² Dokument ta' Politika tas-CIS dwar il-WFD u l-pressjonijiet idromorfoloġiċi. Rakkomandazzjonijiet għal integrazzjoni politika aħjar (2006).
http://circa.europa.eu/Public/irc/env/wfd/library?l=/framework_directive/thematic_documents/hydromorphology/hydromorphology/EN_1.0_&a=d

²³ *Ibidem*; ara wkoll id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar in-Navigazzjoni Interna u s-Sostenibbiltà Ambjentali fil-Baċin tax-Xmara Danube (2007); Il-proġett PLATINA - Manwal ta' Prattiki Tajba dwar l-Ippjanar Sostenibbli tal-Passaġġi tal-Ilma (2011); Id-dokument ta' gwida tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-immaniġġjar ta' passaġġi tal-ilma interni fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar in-natura (2012).

²⁴ Id-Direttiva 2008/56/KE li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin, ĠU L 164, 25.05.2008.

6. KONKLUŻJONIJIET

- Kien hemm sforz kbir fit-thejjja u l-abbozzar tal-RBMPs. L-għarfien tagħna dwar l-istatus tal-ilmijiet tal-UE u tal-attivitajiet li jinfluwenzawhom huwa aħjar minn qatt qabel. Madankollu, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni turi li sforz iktar iddeterminat huwa meħtieġ biex jiġi żgurat l-ilħiq tal-għanijiet tal-WFD fiċ-ċikli tal-2015, tal-2021 u tal-2027.
- Jeżistu eżempji tajbin ta' implimentazzjoni tal-aspetti kollha tal-WFD. Għalhekk, l-Istati Membri li għadhom lura fl-approvazzjoni u l-implimentazzjoni tal-RBMPs tagħhom għandhom iċ-ċans jitgħallmu minn oħrajn bl-għan li jirrimedjaw id-dewmien tagħhom.
- L-implimentazzjoni għandha tiżgura li l-immaniġġjar tal-ilma huwa bbażat fuq fehim aħjar tar-riskji u l-persjonijiet ewlenin f'baċin tax-xmara bbażati fuq monitoraġġ xieraq. Dan se jirriżulta f'interventi kosteffikaċi biex tiġi żgurata provvista tal-ilma sostenibbli fuq terminu twil għan-nies, għan-negozji u għan-natura.
- Il-Kummissjoni se tkompli tfittex u tippromwovi kooperazzjoni informali produttiva mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati fil-kuntest tas-CIS.
- Il-Kummissjoni se ssegwi wkoll b'mod bilaterali mal-Istati Membri l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li qed tressaq f'dan ir-rapport ta' implimentazzjoni u fid-dokumenti li jakkumpanjawh, filwaqt li tibqa' tinforza l-obbligi tal-WFD kif ikun neċessarju.
- Is-sejbiet f'dan ir-rapport intużaw biex jiġu identifikati proposti ta' politika mressqa fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-"Blueprint għas-salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa" u se jiġu diskussi iktar fil-kuntest tas-CIS.